**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Mejju 2021**

Rikors Numru: 378/20 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 695/1999)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-esponenti A B u l-intimat C B iżżewġu fil-Knisja parrokjali ta' Santa Marija f' Ħal Għaxaq fl-għoxrin (20) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999), u ż-żwieġ tagħhom jinsab reġistrat fir-Reġistru Pubbliku biċ-ċertifikat taż-żwieġ numru sitt mija u ħamsa u disgħin tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (695/1999, Dok. A).

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom tlett ulied, D B ta' 19-il sena u t-tewmin E B u F B ta' 16-il sena.

3. Illi l-partijiet ilhom jgħixu mifrudin ghal aktar minn ħames snin, u sseparaw legalment b' att tan-Nutar Dottor Elisa Falzon ta' 12 ta' Diċembru 2016 (Dok. B). Qabel dan l-esponenti kienet ħarġet mid-dar taż-żwieġ mal-ulied tal-partijiet f' Lulju 2016, u għalhekk il-partijiet ilhom separati de facto aktar minn erba' snin.

4. Illi l-esponenti u żewġha C B huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin u għandhom mezzi biex jipprovdu għalihom infushom, u għalhekk ħadd minnhom ma jippretendi ebda ħlas ta' manteniment mingħand l-ieħor, la għaż-żmien li għadda u lanqas għall-futur. Effetivament bil-kuntratt ta' separazzjoni msemmi, il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt li jitolbu jew jirċievu manteniment mingħand xulxin.

5. Illi bejn il-partijiet lanqas ma hemm pendenzi dwar manteniment tal-ulied sallum.

6. Illi inoltre, ma hemm l-ebda prospettiva ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

7. Illi għalhekk jeżistu l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tordna l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti reġistrat bl-Att taż-żwieġ msemmi numru 695/1999;

2. Tawtorizza lill-esponenti tirreverti għal kunjom xbubitha, ċioe' 'G';

3. Tordna lir-Reġistratur javża b' dan kollu lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li għandu jipproċedi għar-reġistrazzjoni tal-istess.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat li permezz tagħha espona:

1. Illi l-esponenti jaqbel u jikkonferma li hu u martu kienu isseparaw permezz ta kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ippubblikat minn Nutar Elisa Falzon li jgib id-data tat-tnax (12) ta' Dicembru 2016 (kopja ta' liema kuntratt huwa anness mar-rikors odjern immarkat

bhala Dok IIB") u li ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar minn erba (4) snin, u ilhom separati 'de facto" minn Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016);

2. Illi l-esponenti jaqbel ukoll li ma hemm l-ebda possibilita li jkun hemm rikonciljazzjoni bejniethom;

3. Illi l-esponenti m' ghandu ebda oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti li tirriverti ghal kunjom xbubitha, pero jirrileva li l-artikolu sitta u ghoxrin (26) tal kuntratt ta' separazzjoni anness mar-rikors promotur bhala Dok II B" diga jipprovdi ghal tali opportunita';

4. Illi madankollu l-ispejjez relattivi ghal proceduri odjerni ghandhom jigu sapportati mir rikorrenti u dan stanti li l-esponenti ma kkommetta l-ebda nuqqas fil konfront ta martu u ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex l-esponenti ghandu jigi kkundanat ihallas xi spejjez relattivi ghal proceduri istitwiti mir-rikorrenti kontra tieghu;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm bzonn.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2020;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat ir-risposta tal-intimat illi ġiet ikkonfermata minnu bil-ġurament tieghu;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Dicembru 2016;

Il-Qorti rat ukoll it-talba li giet milqugha tal-intimata biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "G" u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-provedimenti kollha mehtiega f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.